

32005R1010

L 170/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.7.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1010/2005**tat-30 ta' Ġunju 2005****li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 628/2005 li jimponi dazju provviżorju anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' salamun imrobbi li joriġina min-Norveġja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea¹ ('ir-Regolament bażiku') u b'mod partikulari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Komitat Konsultattiv,

Billi:

1. IL-MIŻURI EŻISTENTI

- (1) Wara l-bidu ta' investigazzjoni² tal-anti-dumping fit-23 ta' Ottubru 2004, fit-23 ta' April 2005, il-Kummissjoni imponiet dazji provviżorji fuq importazzjonijiet ta' salamun imrobbi li joriġina min-Norveġja³ ("Regolament li jimponi dazju provviżorju").
- (2) Id-dazji provviżorji tal-anti-dumping li ħadu s-sura ta' dazji *ad valorem* li jvarjaw minn 6.8% għal 24.5% tal-valur tal-prodotti importati japplikaw mis-27 ta' April 2005.

2. FORMA TAL-MIŻURI PROVVIŻORJI ANTI-DUMPING

- (3) Il-miżuri anti-dumping jistgħu jieħdu forom differenti. Pereżempju, għalkemm l-ammont attwali ta' dazju *ad valorem* iwarja skont il-prezzijiet tal-importazzjoni l-effett tal-prezz minimu tal-importazzjoni huwa fin-natura tiegħu statiku. L-għan taż-żewġ forom ta' miżuri huwa li jeliminaw l-effetti tad-dumping li jagħmlu l-ħsara. Meta tiġi biex tagħżel il-forma tal-miżura, il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa.

¹ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.03.2004, p. 12).

² ĠU C 261, 23.10.2004, p. 8.

³ ĠU L 104, 23.04.2005, p. 5.

F'investigazzjonijiet preċedenti ta' salamun imrobbi, dazji bbażati fuq prezz minimu tal-importazzjoni li huwa biżżejjed biex jitneħħew l-effetti tad-dumping li jagħmlu l-ħsara kienu l-aktar forma ta' miżuri mixtieqa.

- (4) Madankollu, dwar l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji fil-każ kurrenti, il-Kummissjoni kkunsidrat provviżorjament li prezz minimu tal-importazzjoni jista' jkun diffiċli li jiġi infurzat u jkun aktar faċli li jiġi evitat meta mqabbel ma' forum oħra ta' miżuri. Għaldaqstant, f'din l-investigazzjoni, miżuri provviżorji kienu oriġinarjament imposti bħala dazji *ad valorem*.
- (5) Wara li ttieħdu miżuri provviżorji, is-suq tal-Komunità ra żieda sinifikanti, imprevedibbli u bla preċedent fil-prezzijiet tas-suq tas-salamun imrobbi. Is-sitwazzjoni hija aktar gravi minħabba l-fatt li l-biċċa l-kbira tas-salamun huwa nneogzjat bħala prodott frisk li ma jistax idum ħafna fuq l-ixkaffi tal-ħwienet. Għalhekk, il-varjazzjonijiet eċċessivi tal-prezzijiet tas-suq ma jistgħux jiġu bbilanċjati billi jiġu maħżuna kwantitajiet suffiċjenti tal-prodott.
- (6) Fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dan il-każ, il-konsiderazzjonijiet oriġinali biex ma jiġux imposti prezzijiet tal-importazzjoni minimi m'għadhomx preżenti. Fil-fatt, bħalissa hemm ftit li xejn riskju li prezz minimu tal-importazzjoni ser jiġi evitat, għal kuntrarju ta' ċerti esperjenzi fil-passat. Minkejja dan, il-volatilità issa osservata fis-suq se tissuġġerixxi wkoll li dan l-iżvilupp drammatiku mhuwiex ta' natura permanenti li jpoġġi inkwistjoni l-iskoperti ta' dumping u ħsara li saru fir-rigward tal-perjodu ta' investigazzjoni.
- (7) Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, huwa kkunsidrat tajjeb li tinbidel il-forma ta' miżuri għal prezz minimu ta' importazzjoni. Kif ġie msemmi hawn fuq, l-iskop tal-prezz tal-importazzjoni minimu huwa l-istess bħal dak tad-dazju *ad valorem*, jiġifieri biex ineħħu l-effetti ta' ħsara tad-dumping.
- (8) Fejn l-importazzjonijiet jiddaħħlu bil-prezz tal-fruntiera tal-Komunità CIF li huwa ugwali, jew oġġla mill-prezz minimu ta' importazzjoni, ebda dazju ma jrid jitħallas. Jekk l-importazzjonijiet jiddaħħlu bi prezz aktar baxx, id-differenza bejn il-prezz u l-prezz minimu ta' importazzjoni stabbilit trid titħallas.
- (9) Fir-rigward tal-livell tal-prezz minimu ta' importazzjoni neċessarju sabiex jitneħħew l-effetti ta' ħsara tad-dumping, l-emenda preżenti ma tbiddilx is-sejbiet u l-metodoloġija użata fir-Regolament li jimponi dazju provviżorju, b'mod partikolari kif ġew imniżżla fil-premessi (132) sa (134) ta' dak ir-Regolament.
- (10) Peress li l-importazzjonijiet min-Norveġja li saru skont il-prezz minimu tal-importazzjoni jew oġġla ser ineħħu l-effetti ta' ħsara ta' dumping, huwa xieraq li l-prezz minimu għandu japplika għall-importazzjonijiet kollha min-Norveġja.
- (11) Is-salamun imrobbi huwa ġeneralment innegozjat fi preżentazzjonijiet differenti (imnaddaf bir-ras, imnaddaf bla ras, ħut sħiħ bla xewk, ħut bla xewk ieħor jew porzjonijiet bla xewk). Għalhekk, meta ġew emendati d-dazji eżistenti fil-forma l-għdida tagħhom, livell ta' prezz ta' importazzjoni minimu li ma jħallix ħsara kellu jiġi stabbilit għal kull waħda minn dawn il-preżentazzjonijiet, sabiex jirrifletti l-ispejjeż żejda li saru fil-preparazzjoni ta' kull waħda minn dawn. F'dan ir-rigward, il-prezzijiet

ta' importazzjoni minimi huma bbażati fuq is-sejbiet ta' investigazzjonijiet dwar l-anti-dumping ta' qabel dwar il-prodott ikkonċernat, kif ukoll fuq is-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Dawn essenzjalment ġejjin mill-fatturi ta' konverżjoni, kif ġew inklużi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 772/1999⁴, u huma ukoll użati f'din l-investigazzjoni.

- (12) Il-produtturi ta' esportazzjoni għandhom jagħrfu li jekk jirriżulta li l-miżuri mhumieħ effettivi, b'mod partikolari, jekk il-prezz minimu ta' importazzjoni jiġi mmanipulat, assorbit jew evitat, il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv, tkompli temenda r-Regolament (KE) Nru 628/2005, fejn jixraq, sabiex tiżgura l-effettività tal-miżuri.

3. TUL TA' ŻMIEN TAL-MIŻURI

- (13) Il-miżuri tal-anti-dumping provviżorji kienu oriġinarjament imposti għal perjodu ta' sitt xhur. Produtturi ta' esportazzjoni li jirrappreżentaw persentaġġ sinifikanti tas-suq involut talbu estensjoni tal-miżuri provviżorji għal perjodu ieħor li ma jaqbiżx it-tliet xhur.
- (14) Għalhekk, u skont l-Artikolu 7(7) tal-Regolament bażiku, ġie deċiż li jiġi estiż il-perjodu tal-miżuri provviżorji sat-22 ta' Jannar 2006, inkluż din il-ġurnata.

4. ID-DISPOŻIZZJONI FINALI

- (15) Fl-interess ta' amministrazzjoni b'bażi soda, u b'kunsiderazzjoni għall-fatt li l-limiti ta' żmien għal kummenti kienu diġà ġew stabbiliti fir-Regolament li jimponi dazju provviżorju, irid jiġi stabbilit perjodu, li fih il-partijiet interessati li għarrfu l-preżenza tagħhom fil-limitu taż-żmien speċifikat fl-avviż tal-bidu jistgħu jagħmlu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta ta' smiġħ. Barra minn hekk, għandu jkun iddikjarat li s-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni tad-dazji li saret għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament huma provviżorji u jista' jkun li jkollha titqies mill-ġdid għall-iskop ta' kwalunkwe dazju definittiv.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 628/2005 qiegħed hawn jinbidel b'dan li ġej:

‘1. Dazju tal-anti-dumping provviżorju qiegħed jiġi impost hawnhekk fuq l-importazzjonijiet ta' salamun imrobbi (li mhux selvaġġ), disponibbli jew le bħala fillet, frisk, imkessaħ jew iffriżat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 0302 12 00, ex 0303 11 00, ex 0303 19 00, ex 0303 22 00, ex 0304 10 13 u ex 0304 20 13 (minn hawn 'il quddiem “salamun imrobbi”) li joriġina min-Norveġja.

⁴ ĠU L 101, 16.04.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 321/2003 (ĠU L 47, 21.2.2003, p. 3).

2. Salamun selvaġġ m'għandux ikun soġġett għad-dazju tal-anti-dumping provviżorju. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, salamun selvaġġ se jkun dak li fir-rigward tiegħu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fejn id-dikjarazzjoni tad-dwana għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa huwa aċċettat, ikunu sodisfatti, permezz tad-dokumenti kollha xierqa li għandhom jiġu ppreżentati mill-partijiet interessati, li dan kien maqbud fil-baħar għas-salamun Atlantiku jew Paċifiku jew fi xmajjar għal-salamun tad-Danubju.

3. L-ammont ta' dazju tal-anti-dumping provviżorju għandu jkun id-differenza bejn il-prezz minimu ta' importazzjoni ffissat fil-paragrafu 4 u l-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, jekk dan tal-aħħar huwa aktar baxx minn dak ta' qabel. M'għandu jinġabar ebda dazju fejn il-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Komunità huwa ugwali jew oġġla mill-prezz minimu tal-importazzjoni korrispondenti ffissat fil-paragrafu 4.

4. Għall-għan tal-paragrafu 3, il-prezz minimu ta' importazzjoni li ġej għandu japplika għal kull kilogramm ta' piż nett tal-prodott:

Preżentazzjoni ta' salamun imrobbi	Prezz minimu tal-importazzjoni EUR/kg għall-piż nett tal-prodott	Kodiċi TARIC
Ħut sħiħ, frisk imkessaħ jew iffriżat	2,81	0302 12 00 12, 0302 12 00 33, 0302 12 00 93, 0303 11 00 93, 0303 19 00 93, 0303 22 00 12, 0303 22 00 83
Imnaddaf, bir-ras, frisk, imkessaħ jew iffriżat	3,12	0302 12 00 13, 0302 12 00 34, 0302 12 00 94, 0303 11 00 94, 0303 19 00 94, 0303 22 00 13, 0303 22 00 84
Ieħor (inkluż imnaddaf, bla ras), frisk, imkessaħ jew frizāt	3,51	0302 12 00 15, 0302 12 00 36, 0302 12 00 96, 0303 11 00 12, 0303 11 00 96, 0303 19 00 12, 0303 19 00 96, 0303 22 00 15, 0303 22 00 86
Ħut sħiħ bla xewk u ħut bla xewk maqtuġh f'biċċiet, li jiżen aktar minn 300 g kull ħuta bla xewk, friska, imkessaħ jew iffriżata	4,99	0304 10 13 12, 0304 10 13 93, 0304 20 13 12, 0304 20 13 93
Ħut sħiħ ieħor bla xewk u ħut bla xewk maqtuġh f'biċċiet, li jiżen aktar minn 300 g jew inqas għal kull ħuta bla xewk, friska, imkessaħ jew iffriżata	6,00	0304 10 13 15, 0304 10 13 96, 0304 20 13 15, 0304 20 13 96

5. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għad-dispożizzjoni ta' garanzija, ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

6. F'każijiet fejn l-oġġetti ġarrbu ħsara qabel ma ddaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa u għalhekk, il-prezz li tħallas attwalment jew li għandu jitħallas huwa mqassam għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93⁵, l-ammont tad-dazju anti-dumping, maħdum abbażi tal-paragrafu 4 hawn fuq, irid jitnaqqas b'persentaġġ li jikkorrispondi mat-tqassim tal-prezz imħallas attwalment jew li għandu jitħallas.

7. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali li huma fis-seħħ.'

Artikolu 2

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu rikjesta għall-iżvelar tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

It-tieni sentenza tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 628/2005 qed tinbidel b'dan li ġej:

'L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika sat-22 ta' Jannar 2006.'

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ tlett ijiem wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membru tal-Kummissjoni

⁵ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.